IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA B'URĠENZA NUMRU G 33

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Erbgħa 28 ta' Jannar 2015 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**1.00 Ħlas dovut fuq xogħlijiet eżistenti fuq il-Proġett ta' Santa Rita u Misraħ San Katald**

1.01 Is-Sindku Charles Azzopardi bħala *project leader* ta' spjega dwar l-ħtiega li issir laqgħa b'urgenza sabiex jagħti rendikont tax-xogħolijiet li saru s'issa fuq il-Proġett ta' Santa Rita u Misraħ San Katald (Proġett Miżura 313). Ħlas dovut fuq xogħlijiet eżistenti fuq il-Proġett ta' Santa Rita u Misraħ San Katald

Wara li ta spjegazzjoni ta kif ipproceda x-xogħol u talab lill-Konsulent Tekniku (Perit) u lill-Koordinatur tal-proġett, il-Perit Charles Buhagiar u l-Perit Katia Mangani t-tnejn f'isem l-kumpanija Med Design, sabiex jagħtu spjega dettaljata dwar zviluppi li seħħew fuq il-proġett.

1.02 Il-Perit Buhagiar spejega li meta saret l-applikazzjoni tal-proġett kien proġettat li x-xogħolijiet kollha jitlestew sa l-aħħar ta' Jannar 2015 sabiex imbagħad sal-aħħar ta' Gunju 2015 ikunu jista jingħalaq l-proġett. Hu qal li minħabba xogħolijiet ta' moniteraġġ ix-xogħolijiet fuq il-proġett intefgħu lura u ma kienx


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

possibli li dawn jitwettqu fil-ħin. Għaldaqstant ser ikollha tintalba estenzjoni li *Paying Agency*.

Wara li gie mistoqsi, l-Perit qal li hemm bazi soda biex tingħata l-estenzjoni izda jekk dan ma jseħħx il-Kunsill ikollu jagħmel tajjeb finanzjarjament.

1.03 Is-Sindku preżenta l-*interm certification* tal-*invoice* preżentata mill-kuntrattur li tlaħħaq għal €169.464. Kien inutat mill-Kunsill li kien hemm ammont sostanzzjoni ta' varjazzjonijiet mix-xogħolijiet oriġinali li jlaħħaq għal €51,621.

Is-Sindku talab lil Kunsill l-approvazzjoni tal-*interm certification*, qabel hu bħala *project leader* jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

Il-Kunsill talab lis-Sindku u lil Perit jagħtu spjegazzjoni dwar l-ħtiega għal din l-approvazzjoni kif ukoll kif irrizultaw u x'kienu dawn il-varjazzjonijiet u jekk kienetx intalbet l-approvazzjoni għalijhom mill-*Paying Agency*.

1.04 Il-Perit Buhagiar qal li ma intalbitx l-approvazzjoni tal-*Paying Agency* għal tali varjazzjonijiet peress li ma setgħux jifqu x-xogħolijiet. Huwa qal li tali approvazzjoni ser tintalab meta l-*project leader* u l-koordiantur tal-proġett jippreżentaw l-*interm certification* lil *Paying Agency*.

B'rizultat tal-ispjegazzjoni mgħottija mill-Perit, kien hemm qbil unanimu li ma hemm xejn li għandu japprova l-Kunsill f'dan l-istadju, sew minħabba li l-proġett hu finanzjat kollhu kemm hu mill-fondi ewropej kif ukoll li l-awtorizzjoni u l-ħlasijiet issiru mill-*Paying Agency*.

1.05 Is-Sindku u l-Perit Buhagiar spjegaw li kien hemm problema oħra fir-rigward tad-*drainage house connections* li hemm fi Triq Santa Rita minħabba li diversi residenzi jinsabu imqabda ma fossa minflokk mas-sistema tad-drenaġġ.

Is-Sindku ppropona li dawn ir-residenzi jiġu imqaqbda mas-sistema tad-drenaġġ għas-spejjes tal-Kunsill sabiex jigi evitat li terġa tinqala t-triq wara li jitlesta l-proġett.

Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tas-Sindku iżda ma kellu l-ebda oggezzjoni jekk dawn ix-xogħolijiet jigu approvati mill-*Paying Agency* bhala parti mil-proġett.

Is-Sindku u l-Perit Bugagiar spjegaw li tali spisa ma tistax tiġi koperta mill-proġett u għaldaqstant gie deċiżż li l-Perit jikteb lid-Dipatiment tas-Saħħa dwar l-obbligi relatati ma dan il-każ.

1.06 Is-Sindku Charles Azzopardi irringrazzja lill-Konsulent Tekniku (Perit) u lill-Koordinatur tal-proġett, il-Perit Charles Buhagiar u l-Perit Katia Mangani tal-ispjega tagħhom.

1.07 Il-laqgħa ntemmet fis-8.10 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 24 ta' Marzu 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**